MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 280/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Carmelo Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi **Carmelo Dimech**, bin Salvu u Nazzarena nee' Farrugia, imwieled nhar il-31 ta' Jannar, 1959 u residenti fil-fond Our Nest, Triq l-Indipendenza, Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 97059(M) li gie akkuzat talli fit-22 ta' Frar, 2007 ghal habta ta' 15:30hrs u fil-hinijiet ta'

wara fi Triq Sant Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex bhala persuna li fuqu ghandu registrata vettura bin-numru EMI 003 ta' ghamla Isuzu:

1. ippermetta lill-persuna mhux maghrufa ssuq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata ghat-triq;

2. aktar talli ppermetta lill-persuna mhux maghrufa ssuq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni u dan ghal riskju ta' terzi persuni;

3. aktar talli naqas li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-awtorita' dwar it-Transport ta' Malta bi trasferiment tal-imsemmija vettura fi zmien stipulat mil-Ligi ;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-akkuzat jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi din il-kawza damet biex tigi deciza minhabba li l-imputat, ghal xi raguni jew ohra, ma kienx prezenti ghad-diversi seduti ffissati ghas-smiegh u kien biss wara li din il-Qorti hadet il-proceduri necessarji sabiex l-istess imputat setgha jingieb il-Qorti u b'hekk il-kawza setghet tigi deciza ;

Semghet il-provi ;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghar-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ;

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta t-tielet imputazzjoni u ghaldaqstant din hija sodisfacentement pruvata.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputat ippermetta lil persuna mhux maghrufa

ssuq il-vettura in kwistjoni minghajr ma din il-vettura kienet licenzjata fit-triq.

Illi minkejja kull skuza li gab l-imputat meta xehed rigward il-bejgh tal-vettura tieghu, xorta jibqa’ l-fatt li Artikolu 26 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk :

“Kull persuna imsemmija fuq il-liċenza bħala s-sid jew bħala wieħed mis-sidien, li tkun biegħet jew xort’oħra ttrasferiet il-jedd tagħha fuq il-vettura li għaliha tkun tirriferixxi l-liċenza, għandha tagħti avviż lill-Awtorità ta’ dak il-bejgħ jew trasferiment, u għandha fl-istess ħin tippreżenta l-liċenza sabiex jitniżżlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgħ jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviż ma jiġix mogħti u l-liċenza ma tiġix ippreżentata, dik il-persuna, għad li jkun sar dak il-bejgħ jew trasferiment, **tibqa’ suġġetta għad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza bħala sid jew wieħed mis-sidien tal-vettura**” [emfazi mizjuda].

Illi jsegwi ghalhekk li l-imputat huwa hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.  Dan ma jistghax jinghad ghat-tieni imputazzjoni peress illi ma ngabux bizzejjed provi in sostenn tal-imsemmija imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 29 u 51 tal-Avviz Legali 476/2004 u Artikoli 15(1) u 26 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ tmenin Euro (€ 80.00) u ssibu hati, fuq ammissjoni, tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ mija u hamsin ewro (€ 150.00).

*Inoltre*, a rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tal-imputat huwa jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq, il-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ghaxart (10) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------